



Brussell, 14 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15928/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0232(COD)

CODEC 1991
TRANS 786
PE 151

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-tfassir tar-Regolament (KEE) Nru 1108/70 tal-Kunsill li jintroduċi sistema ta' kontabilità dwar l-infiq fuq l-infrastruttura fir-rigward tat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 851/2006 li jispeċifika l-entrati li għandhom jiġu inklużi taħt id-diversi intestaturi fil-formoli tal-kontijiet murija fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1108/70 - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mit-12 sal-15 ta' Diċembru 2022)

I. INTRODUZZJONI

Fit-13 ta' Diċembru 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma li jekk il-Parlament Ewropew japprova l-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq mingħajr emendi, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Fit-13 ta' Diċembru 2022, ir-rapporteur, Roman HAIDER (ID, AT), ippreżenta rapport fisem il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bl-għan li tiġi aċċettata l-proposta tal-Kummissjoni.

II. VOT

Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-13 ta' Diċembru 2022 billi aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni. Din il-pożizzjoni tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu.

Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument, u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ istituzzjonijiet.

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

P9_TA(2022)0429

Trasport: tħassir tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1108/70 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 851/2006

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

PE736.600

Risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tħassir tar-Regolament (KEE) Nru 1108/70 tal-Kunsill li jintroduċi sistema ta' kontabbiltà dwar l-infiq fuq l-infrastruttura fir-rigward tat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 851/2006 li jispeċifika l-entrati li għandhom jiġu inklużi taħt id-diversi intestaturi fil-formoli tal-kontijiet murija fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1108/70 (COM(2022)0381 – C9-0294/2022 – 2022/0232(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0381),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0294/2022),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2022¹,
 - wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Regġuni,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-7 ta' Diċembru 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A9-0286/2022),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

¹ Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Diċembru 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tħassir tar-Regolament (KEE) Nru 1108/70 tal-Kunsill li jintroduċi sistema ta' kontabilità dwar l-infiq fuq l-infrastruttura fir-rigward tat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni, u t-tħassir tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 851/2006 li jispeċifika l-entrati li għandhom jiġu inklużi taħt id-diversi intestaturi fil-formoli tal-kontijiet murija fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 1108/70

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

² Opinjoni tas-26 ta' Ottubru 2022 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2022.

Billi:

- (1) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni kkonfermaw fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Ligijiet⁴ l-impenn konġunt tagħhom sabiex jaġġornaw u jissimplifikaw il-leġislazzjoni tal-Unjoni.
- (2) Huwa xieraq li jiġi analizzat b'mod regolari l-*acquis* tal-Unjoni sabiex ikun jista' jiġi aġġornat u, fejn possibbli, jitnaqqas fil-volum. . It-tħassir ta' leġislazzjoni li ma għadhiex valida jgħin biex il-qafas leġislattiv tal-Unjoni jinżamm trasparenti, ċar u faċli sabiex jintuża mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati rilevanti.
- (3) Ir-Regolament (KEE) Nru 1108/70 tal-Kunsill⁵ jirrikjedi li l-Istati Membri jirrapportaw dwar l-infiq fuq l-infrastruttura għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni, kif ukoll dwar il-prospetti relatati mal-użu ta' tali infrastruttura.
- (4) Ir-Regolament (KEE) Nru 1108/70 jinkludi dispożizzjonijiet u definizzjonijiet li ma għadhomx validi, u huwa inkonsistenti u inkompatibbli ma' atti legali tal-Unjoni aktar reċenti li bħalissa huma fis-seħħ li jobbligaw lill-Istati Membri jirrapportaw dwar id-*data* dwar l-investiment fl-infrastruttura tat-trasport u l-użu tal-infrastruttura.
- (5) Ir-Regolament (KEE) Nru 1108/70 huwa assoċjat ma' diffikultajiet amministrattivi eċċessivi fil-ġbir tad-*data* meħtieġa minn dak ir-Regolament. Mill-2005, erba' Stati Membri biss ipprovdew tali *data*
- (6) Għalhekk, ir-Regolament (KEE) Nru 1108/70 jenħtieġ li jitħassar sabiex jiġu eliminati l-inkonsistenzi fl-ordni ġuridiku tal-Unjoni u sabiex jikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni billi jiġi eliminat att legali li issa ma għadux validu.
- (7) Peress li r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 851/2006⁶ jimplimenta r-Regolament (KEE) Nru 1108/70, l-għan tiegħu ser jintemm bit-tħassir tar-Regolament (KEE) Nru 1108/70. Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 851/2006 jenħtieġ li jitħassar ukoll,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

⁴ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

⁵ Ir-Regolament (KEE) Nru 1108/70 tal-Kunsill tal-4 ta' Ġunju 1970 li jintroduċi sistema ta' kontabilità dwar l-infiq fuq l-infrastruttura fir-rigward tat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 130, 15.6.1970, p. 4).

⁶ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 851/2006 tad-9 ta' Ġunju 2006 li jspecifika l-entrati li jridu jiġu inklużi taħt id-diversi intestaturi fil-formoli tal-kontijiet murija fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1108/70 (ĠU L 158, 10.6.2006, p. 3).

Artikolu 1

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 1108/70 u (KE) Nru 851/2006 huma mħassra.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President
